TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 217/12 (JE).

Frederick Jack Hennah

vs

Unicare Ltd.

Illum, 13 ta' Jannar 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Frederick Jack Hennah li fih lmenta illi fid-9 t'April 2012 kien xtara neo scooter mingħand Unicare Ltd u kienu.nfurmawh illi meta l-batterija tkun "fully charged", l-iscooter itella sa massimu ta' 20 mil. Madankollu, meta kien imur Bir id-Deheb mnin Birżebbuġa, ma kinex jirnexxielu jirritorna lura għax il-batterija kienet tispiċċa mingħajr enerġija. Barra minn hekk, il-ħorn tal-iscooter ma kienx f'saħħtu biżżejjed u ma kienx jinstema' fit-traffiku. Meta lmenta, is-soċjetà konvenuta qaltlu biex iħalli l-batterija fuq iċ-charge l-lejl kollu imma s-sitwazzjoni baqgħet l-istess.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha stqarret illi t-test illi wettqet fuq il-batterija wera illi l-batterija kienet tajba u illi l-attur ingħata l-informazzjoni kollha sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-iscooter. Stqarret ukoll illi l-batterija sservi skond l-użu u dana kien speċifikat mill-bidu nett. Qalet ukoll illi l-attur jista' jinstalla horn ieħor imma illi hi m'għandha l-ebda awtorità illi timmodifika dak eżistenti.

Is-soċjetà konvenuta ntroduċiet ukoll kontro-talba peress allegat illi l-attur ħlielha ħafna ħin peress illi meta nvestigat l-ilment, ma sabet xejn ħażin. Għalhekk, talbet is-somma ta' € 100 bħala kumpens.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jidher illi l-iscooter in kwistjoni m'huwiex jilħaq l-aspettattivi tal-attur illi stenna illi kellu jopera għal distanza ta' 20 mil kif kien imwiegħed meta xtrah. Illi m'huwiex ikkontestat illi dan l-iscooter m'huwiex jilħaq ir-range ta' 20 mil imma s-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid illi l-batterija sservi skond l-użu. Madankollu, mill-provi prodotti ma jidhierx illi dan il-fatt ġie spjegat ċar lill-attur meta xtara l-iscooter in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jifhem illi l-batterija tal-iscooter isservi skond il-vjaġġ illi wieħed jagħmel u jifhem ukoll illi kwalunkwe batterija tiddeterjora bl-użu. Imma l-anqas m'hu aċċettabli illi kummerċjant jagħmel stqarrijiet meta jkun qed jipprova jbiegħ li mbagħad jiġu ridimensjonati radikalment meta l-oġġett jibda' jintuża. Hekk jidher illi ġara f'dan il-każ u t-Tribunal jinnota illi wara vjaġġ ta' anqas minn 4 km, illi għalkemm verament m'hux fil-wita', il-batterija ma tibqax taħdem. Għaldaqstant, jidher ċar illi l-iscooter m'huwiex tal-kwalità pattwita.

Illi dwar il-kontro-talba, is-soċjetà rikonvenjenti ma' ressqet l-ebda prova u fi kwalunkwe każ, it-Tribunal iħoss illi kienet fid-dmir illi tinvestiga l-ilment, illi rriżulta ġustifkat, tal-attur u m'għandhiex tippretendi ħlas għalhekk, aktar u aktar meta l-prodott in kwistjoni kien kopert bil-garanzija.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal, fil-waqt illi qed jiċħad it-talbiet rikonvenzjonali, qed jilqa' it-talba attriċi limitatament u ġaladarba illi provi dwar kemm għandu jsir it-tnaqqis fil-prezz ma sarux, qed jiffissa *arbitrio boni viri* s-somma ta' erba' mitt euro (€ 400) bħala kumpens dovut lill-attur mis-soċjetà konvenuta peress illi l-iscooter m'għandhux il-prestazzjoni li kienet imwiegħda lill-attur meta xtrah.

Bl-ispejjeż għas-soċjetà konvenuta u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas.

Av.JosephEllis
Arbitru.